Nigel Holland

# Il-Bidu tad-Devozzjoni Lejn il-Madonna tas-Sacro Cuor

Kultant nibża' li ndejjaq lil xi ħadd meta nirripeti kemm għad hemm aspetti interessantissimi tal-istorja tal-Floriana li bilkemm huma magħrufa mill-istess Furjaniżi. F'din il-kitba se nirriferi lejn id-Devozzjoni li nibtet f'Malta lejn "Nostra Signora del Sacro Cuore di Ġesù" (bil-Malti Is-Sinjura Tagħna tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù) jew kif inhi magħrufa llum "Il-Madonna tas-Sacro Cuor", liema devozzjoni xxettlet u xterdet ma' Malta proprju minn ġewwa beltna l-Floriana.

Ir-riċerka tiegħi fuq din il-materja kienet biċċa tagħrif li sibt fil-ktieb "Il-Madonna u Tas-Sliema." F'taqsima taħt it-titlu "Id-devozzjoni lejn il- Madonna tas-Sacro Cuor" miktuba minn P. Ġużepp Vella OFM. F'din il-kitba nsibu li fl-1874, fil-Floriana, kienet twaqqfet kanonikament il-Konfraternità tas-Sinjura Tagħna tal-Qalb ta' Ġesù[1]. Fil-fatt, jien kont dejjem niskanta kif fil-knisja Arcipretali tagħna hemm mhux biss artal iddeddikat lill-Madonna tas-Sacro Cuor iżda wkoll statwa tagħha. Dan it-tagħrif dwar it-twaqqif tal-Konfraternità bħallikieku spjegali kollox.

## Il-Bidu tad-Devozzjoni f'Malta

Iżda xorta waħda ma kontx lest għal sorpriża akbar meta skoprejt li din id-devozzjoni f'Malta, ħarġet proprju mill-Parroċċa tagħna permezz tal-qassis Furjaniż ir-Rev. Dun Emmanuele Grech li kien il-promotur bla serħan ta' din id-devozzjoni f'pajjiżna[2]. Bil-ħidma tiegħu kienet twaqqfet ukoll l-ewwel Konfraternità tagħha,[3] Issorprendejt ruħi għal fatt li din id-devozzjoni kont nabbinaha, naħseb bħal ħafna, kważi esklussivament ma' Tas-Sliema fejn fl-1877 bdiet tinbena l-ewwel knisja f'Malta ddedikata lill-Madonna taħt dan it-titlu. Il-verità hija li l-bidu ta' din id-devozzjoni f'Malta insibuh lejn l-aħħar tal-1873 meta saret talba għat-twaqqif tal-Konfraternità. Mons. Isqof approva l-proposta u l-Konfraternità ġiet imwaqqfa fil-Knisja Arċipretali ta' San Publju fil-Floriana fis-6 ta' Frar, 1874[4].

## Il-Pittura tal-Madonna mbierka mill-Papa Piju IX

Hija ħaġa tal-meravilja kif fi ftit xhur biss mit-twaqqif tal-Konfraternità, issieħbu fiha eluf ta' soċji, addirittura aktar mill-figura inkredibbli ta' tmintax-il elf,[5] u li mill-ewwel ittieħdu inizjattivi biex il- Konfraternità tiġi aggregata ma' dik prinċipali ta' Ruma li fil-fatt seħħet fit-18 ta' Mejju 1874[6], ġie deċiż ukoll li ssir pittura tal-Madonna taħt dan it-titlu[7] u sa Awwissu tal-istess sena kienet lesta. Id-Diriġenti tal-Konfraternità kienuk komissjonaw lill-Professur Taljan Pietro Gagliardi li ħadimha f'Ruma. Forsi ħadd minna ma konna nobsru li din il-pittura tal-Madonna kienet ġiet imbierka personalment mill-Papa Piju IX fil-Vatikan. L-ex-Ġeneral tal-Patrijiet Kapuċċini, ir-Rev. P. Niccola da San Giovanni OFM Cap. u s-Segretarju tal Arċikonfraternità ta' Ruma l-Komm. Angelini kienu nkarigati biex jipprezentaw din il-pittura lill-Papa. Dan sar nhar it-3 ta' Awwissu 1874. Din ix-xbieha turi lil-Madonna Verġni Immakulata bis-serp taħt riġlejha u maġenbha l-Iben divin fil-figura ta' tifel ħlejju bil-qalb fuq sidru. Din il-pittura tqegħdet f'waħda mis-swali tal-Vatikan. Meta l-Papa hareġ mill-appartament tiegħu, għal ħabta ta'nofs inhar, flimkien ma' diversi Kardinali u s-sinjuri nobbli tiegħu, huwa tkellem maż-żewġ delegati dwar ir-reliġjosita tal-Maltin, osserva attentament il-pittura u minbarra li esprima s- sodisfazzjon tiegħu faħħar ukoll il-kapaċitajiet tal-pittur. Wara l-ex Patri Ġeneral tal-Kapuċċini talab għan-nom tal-Maltin għal xi Indulġenza lil min jitlob quddiem din ix-xbiha. Il-Papa kkonċeda 300 jum Indulġenza għal min igħid il-Missierna, Sliema u Glorja ad unur tal-Qalb Imqaddsa ta' Gesu[8].

## Inawgurazzjoni fil-Floriana u l-Kwindiċina Solenni

L-inawgurazzjoni tal-Pittura kompliet tqajjem u tkattar id-devozzjoni lejn il-Madonna tas-Sacro Cuor mhux biss fil-Floriana imma anke fil-bqija ta' Malta tant li gazzetta tal-epoka, taħt it-titlu "Inaugurazione di un quadro e della divozione di Nostra Signora del Sacro Cuore di Ġesù a Malta abbinat l-inawgurazzjoni tal-kwadru mal-inawgurazzjoni tad-devozzjoni lejn il-Madonna tas-Sacro Cuor f'Malta u dan għalhekk ikompli jikkonferma li l-benniena ta' din id-devozzjoni kienet



*L-istatwa tas-Sacro Cuor fil knisja Parrokkjali tal-Floriana*

proprju fil-Floriana[9].

Il-Konfraternità rnexxielha titlob, bil-kunsens tal-Awtorità Ekkleżjastika Maltija, u takkwista mingħand il-Papa diversi Indulġenzi marbuta mal-inawgurazzjoni tal-kwadru. Bil-permess tal-Mons. Vigarju Kapitulari, il-kwadru tas-Sinjura Tagħna tal-Qalb ta' Ġesù ġie espost fuq l-artal maġġur tal-Knisja Arċipretali ta' San Publju taħt tużell maestuż għall-ħmistax-il ġurnata mit-13 sas-27 ta' Settembru 1874. Matul din il-kwindiċina kienet issir Quddiesa fis-6.00 a.m. għall-bżonnijiet tal-Papa[10]. Filgħaxija mbagħad kien jingħad ir-Rużarju bil-litanija u tingħata l-Barka Sagramentali. L-aħħar tlett ijiem tal-Kwindiċina kienu bħala tridu solenni fejn kienet issir Quddiesa kantata u filgħaxija jitkanta l-Għasar, priedka, il-kant tat-Te Deum u l-Barka Sagramentali L-Indulġenzi li ngħataw kienu: waħda parzjali ta' 7 snin u oħra ta' 7 quarantene li setgħu jakkwistaw dawk kollha li jitolbu għall-bżonnijiet tal-Papa u tal-Knisja quddiem ix-xbieha tal-Madonna matul il-kwindiċina u Indulġenza Plenarja, applikabbli għall-erwieħ tal-Purgatorju, matul it-tridu jekk minbarra l-vista' lill-Madonna wieħed jitqarben ukoll[11]. Din id-devozzjoni lejn il-Madonna tas-Sacro Cuor ġibdet lejn il-knisja ta' San Publju folol mhux biss mill-ibliet viċin imma anke minn irħula remoti ta' Malta

Il-Kwindiċina kienet infetħet b'diskors tal-Arċipriet Dun Salvatore Gaffiero. Il-priedki tat-Tridu saru mir-Rev. Kummissarju tal- Konventwali Fra Antonio Maria Hyzler, mir-Rev. Pirjol tal-Karmelitani Skalzi Fra Vincenzo tal-Qalb Imqaddsa ta' Marija u fl-aħħar jum mill-Arċipriet Gaffiero. Fl-aħħar ġurnata, fil-Quddiesa solenni, sar paniġierku bit-Taljan mill-Patri Lettur Pr. Malfatti Karmelitan. Saret ukoll Quddiesa bi Tqarbina ġenerali. Ħadu sehem bniet mir-Rifuġju tal-Gvern, il-bniet mill-Oratorju San Publju mmexxi minn Dun Pasquale Buhagiar u s-subien mill-Oratorju ta' Sarria mmexxi mill-Kan. Dun Calcedonio Vidal. Dawn it-tfal offrew xema' u fjuri lill-Madonna.

## Pellegrinaġġi

Matul il-Kwindiċina waslu diversi pellegrinaġġi biex jagħtu qima lill-Madonna tas-Sacro Cuor. Fid-19 ta' Settembru, 1874, ġew l-istudenti tal-iskola tal-Gvern tal-Isla mmexxija mir-Rev. Kappillan Dun Gian-Battista Serra li ċċelebra Quddiesa. Mill-20 ta' Settembru sal-aħħar ġurnata tal-Kwindiċina s-Sorijiet tal-Bon Pastur ta' Ħal Balzan ġiebu diversi gruppi ta' bniet, ta' kull klassi li offrew fjuri u xemgħat. Fl-24 tax-xahar is-Sorijiet ta' San Ġużepp ta' Bormla mexxew lill-istudenti tagħhom, lebsin ħelwin bil-kuluri tal-Immakulata Kunċizzjoni, fejn intqal ir-Rużarju u talb ieħor, kantaw il-Litanija u offrew ukoll fjuri u xema'. Kantaw ukoll innu popolari b'tant



maestrija li ħallew lil kulħadd sorpriż u kommoss. Fil-25 ta' Settembru kien imiss lit-Terżjarji Dumnikani akkumpanjati mir-Rev. Pirjol li tul it-triq qalu r-Rużarju. Fis-26 ta' Settembru kien imiss lit-Terżjarji Franġiskani, irġiel u nisa, u wara t-Tqarbin l-ex Provinċjal Rev. Fra Luigi minn Bagnoli OFM Cap tahom l-assoluzzjoni u l-Barka Papali[12].

## Funzjoni sabiħa fit-Tieni Jum tat-Tridu

Hawn ta' min jagħmel aċċenn partikulari għall-Funżjoni li saret fit-Tieni Jum tat-Tridu, is-Sibt, 26 ta' Settembru 1874. Dakinhar it-tfal tal-iskola primarja u sekondarja tal-Belt ingħaqdu mat-tfal tal-iskola primarja tal-Floriana f'pellegrinaġġ mill-Knisja ta' Santa Caterina d'Italia fil-Belt għall-Knisja ta' San Publju. Kienu 'l fuq minn 300 u wara li waslu ġiet iċċelebrata Quddiesa mill-Kan. Dun Paolo Pullicino li kien Direttur tal-iskejjel primarji tal-Gvern. Kantaw l-istess subien u bniet. Wara għamlilhom omelija dwar l-oriġini ta' din id-devozzjoni ġdida, it-tixrid u l-ħtiega tad-devozzjoni lejn il-Madonna Sinjura Tagħna tal-Qalb ta' Gesu. Qabel it-Tqarbin, it-tfal offrew bukketti ta' fjuri u xema' lill-Madonna, Wara l-Quddiesa tkantat is-Salve Regina, il-Litanija u t-Tantum Ergo. Fl-aħħar tkanta l-innu popolari, bit-Taljan, ta' Domenico Quercetti. Il-kant kien immexxi mill-Mro Giuseppe Vella li kien surmast tal-mużika fl-iskejjel primarji u sekondarji tal-Belt[13]. Għal xi żmien kien ukoll surmast fl- iskola primarja tal-Floriana[14]. Dak iż-żmien Mro Vella kien joqgħod il-Floriana fi Strada Magazzini (Triq l-Imħażen)[15] u fil-Floriana kienu anki tweldulu zewġt itfal, Paolo u Luigi[16]. Huwa sinjifikanti wkoll li mat-tfal tal-iskejjel tal-Belt u tal-Floriana kienu ngħaqdu wkoll tfal bniet ta' Tas-Sliema li kienu mmexxija mir-Rev. Dun Enrico Sayan u xi orfni mir-rifuġju tal-Gvern[17]. Il-Viċendarju Dun Enrico Sayan kien jieħu ħsieb il-knisja ta' Stella Maris, li dak iż-żmien kienet għadha Viċi Parroċċa ta' B'Kara[18].

## L-Innu, l-Artal u l-Istatwa

Kif qrajna qabel, fl-inawgurazzjoni ta' din id-devozzjoni, tkan tal-innu ta' Domenico Quercetti. Kien bit-Taljan, "Viva viva la Signora.....", li llum s-Slimiżi jkantawh bil-Malti[19]. Jien kont naħseb li dan kien xi innu lokali li kien marbut mad-devozzjoni li twieldet f'Tas-Sliema xi snin wara. Imma issa nistgħu ngħidu li dan l-innu tkanta għall-ewwel darba fil-Floriana tliet snin qabel ma' Dun Pawl Vella (li bena l-knisja f'Tas-Sliema) għallmu lid-devoti Slimiżi. Wieħed jista' jgħid b'ċertezza li dan l-innu popolari wasal Malta mat-twaqqif tal-Konfraternità fil-Floriana.

Il-Pittura tal-Madonna tas-Sacro Cuor fil-knisja arċipretali tal-Floriana ilha snin

twal tokkupa post fuq l-artal li hemm fil-kappellun fuq il-lemin tal-artal maġġur fejn hemm ukoll in-niċċa bl-istatwa tagħha. U tqum il-mistoqsija jekk din il-pittura ħaditx post ta' xi pittura jew immaġini oħra? Fl-1740 kien hemm diġa artal tad-Duluri li kien fis-sagristija u meta tlestiet il-binja tal-kappellun tal-lemin ġie trasferit fih[20]. Nafu li meta waslet il-pittura tal-Madonna tas-Sacro Cuor, fil-knisja ta' San Publju, kien diġa tħejja artal għaliha[21]. Waqt li nassumu li l-artal huwa l-istess tal-llum, allura tidher wisq probabbli li kienet ittieħdet id-deċizjoni li l-pittura tal-Madonna tas-Sacro Cuor titqiegħed minflok dik tad-Duluri.

Dan iġibna għall-istatwa unika f'Malta li għandna fil-Parroċċa tagħna. L–ewwel statwa tal-Madonna taħt dan it-titlu tinsab f'Issoudun fi Franza li hija l-benniena ta' din id-devozzjoni. P. Ġulju Chevalier, il-fundatur ta' din id- devozzjoni, immaġina lill-Madonna bil-wieqfa u quddiemha lil Ġesù tfajjel bil-qalb fuq sidru u b'idejh juri lill Ommu Marija. L-istatwa tagħna kif ukoll il-pittura huma simili fis-sens li tidher il-Madonna b'Ġesù bilwieqfa ħdejha. Ġara mbagħad li għall-ħabta ta' Frar 1875, il-Papa Piju IX ħareġ motu proprju li bih ipprojbixxa li jsiru xbihat tal-Madonna tas-Sacro Cuor b'dan l-istil[22]. Dan sar biex ħadd ma jista' jagħti xi interpretazzjoni li qisu l-Madonna qed tiddomina fuq binha Ġesù. Għalhekk P. Ġużepp Vella OFM qalli li wieħed jista jgħid b'ċertezza li l-istatwa tagħna inħadmet qabel din id-direttiva tal-Papa Piju IX filwaqt li l-istatwa titulari tas-Sinjura Tagħna tal-Qalb ta' Ġesù li tinsab fil-knisja Franġiskana ta'Tas-Sliema inħadmet b'kundizzjoni li tkun skont id-direttiva tal-Papa bil-Bambin Ġesù fuq dirgħajha. Lura lejn l-istatwa tagħna fil-Floriana tidher li nħadmet fuq il-pittura tal-Gagliardi. Għadni ma'sibtx min skolpiha u meta saret imma hija ħaġa ċerta li nħadmet qabel il-motu proprju tal-Papa Piju IX.

## Il-Floriana Benniena tad-Devozzjoni

It-twaqqif tal-Konfraternità fil-Parroċċa tagħna kienet il-bidu tal-kult lejn il-Madonna tas- Sacro Cuor f'Malta. Wara l-avvenimenti msemmija ttieħdu inizjattivi oħra biex tinxtered id-devozzjoni li poġġew lill-Floriana bħala ċ-ċentru ta' din id-devozzjoni ġdida. Kull nhar ta' Ħamis bdiet issir Quddiesa letta fuq l-artal tal-Madonna kif kienu jsiru, u għadhom, f'Issoudun u f'Ruma. Fl-ewwel Ħamis tax-xahar kienet tkun għar-ruħ il-mejtin tal-Konfraternità u l-Ħamisijiet l-oħra għall-bżonnijiet tal-membri ħajjin. Is-Saċerdot, f'riġlejn l-artal kien igħid it-talba "Recordatevi" (Ftakar). Kif kien jsir fil-pajjiżi msemmija kienu jiġu rikomandati lill-Madonna dawk kollha li kienu jitolbu xi grazzja direttament jew permezz ta' ittri jew permezz ta' ħaddieħor. Kien hemm reġistru appostà li fih kienu jinżammu dawn ir-rakkomandazzjonijiet. Wara l-quddiesa kienet tingħad il-Litanija tal-Madonna u t-taba proprja tal-Madonna. L-Imseħbin fil-Konfraternità kienu jħallsu miżata ta' żewġ soldi darba biss meta jinkitbu. Kienu intitolati għat-tessera tas-sħubija u domna żgħira tal-Madonna. Kienu obbligati wkoll li jgħidu darbtejn kuljum l-invokazzjoni "Nostra Signora del Sacro Cuore di Ġesù prega per noi" (Sinjura Tagħna tal-Qalb ta' Ġesù itlob għalina). Kien mitlub ukoll, iżda, li min jista', joffri xi offertà żgħira għall-ispejjeż indispensabbli fosthom l-elemozina tal- Quddiesa li ssir kull nhar ta' Ħamis, biex jinxtegħlu xema', żejt u tiżjin ieħor għall-artal u għall-kappella tal-Konfraternità tal-Madonna. Setgħu jinkitbu fil-Konfraternità tal-Madonna mhux biss il-ħajjin imma wkoll il-mejtin kif ukoll persuni għeżież għal dak li jkun anki jekk huma ma jkunux jafu b'dan. It-twemmin kien li kulħadd jista' jkun taħt il-protezzjoni tal-Madonna "Sinjura Tagħna tal-Qalb ta' Ġesù".

Il-Konfraternità kienet affiljata mal-Arċikonfraternità ta' Ruma, li dak iż-żmien kienet imwaqqfa fil-knisja ta' San Andrea della Valle. Għalhekk l-imseħbin ħajjin jew mejtin minbarra li kienu jieħdu sehem fl-intenzjoni tal-Quddiesa li kienet issir kull nhar ta' Ħamis kien ikollhom sehem ukoll mill-vantaġġi spiritwali ta' l-Arċikonfraternità ta' Ruma[23]. Mill-Floriana, din id-devozzjoni tant kibret li sena wara, fl-1875, twaqqfet il-Konfraternità tagħha fil-knisja Parrokkjali ta' Ħaż Żabbar u wara fl-1881 f'Tas-Sliema, bil-bini tal-Knisja ddedikata lilha, kif ukoll fil-knisja tal-Isla. Għalhekk storikament il-Parroċċa tagħna kienet il-bidu ta' din id-devozzjoni f'Malta[24].

## Kif kien spiċċa kważi kollox?

Minn din l-istorja kollha toħroġ bilfors il-mistoqsija : Kif minn din id–devozzjoni kollha fil-Floriana ma kien baqa' kważi xejn għajr l-artal u l-istatwa? Għaliex kellhom jgħaddu 128 sena mill-bidu ta' din id-devozzjoni fil-Floriana biex qisu l-Madonna tas-Sacro Cuor nebbħet lid-Diriġenti tal-Knisja tagħna biex jagħżlu l-istatwa tagħha għall-pellegrinaġġ Marjan Parrokkjali fl-2002? Din kienet l-ewwel darba li din l-istatwa ħarġet proċessjonalment mill-knisja tagħna u baqgħet toħroġ, ħlief għal xi eċċezzjoni, kull sena fix-xahar ta' Mejju[25]. Mistoqsijiet interessanti u kurjużi li jeħtieġu aktar stħarriġ.

## Tas-Sliema, il-Knisja Madonna tas-Sacro Cuor u l-Floriana

Kif nafu, kienet Tas-Sliema li eventwalment ħaddnet l-aktar din id-devozzjoni ma' qalbha bl-ewwel knisja ddedikata lilha bil-ħidma li wettaq il-Qassis Belti Rev. Dun Pawl Vella D.D.[26]. F'Tas-Sliema id-devozzjoni bdiet bit-tqegħid tal-Ewwel Ġebla tal-Knisja nhar it-3 ta' Ġunju 1877. Minn dakinhar bdiet issir il-Festa tal-Madonna tas-Sacro Cuor fil-maħżen li kien hemm f'nofs il-binja. Fil-Festa tal-Assunta fl-1880, Dun Pawl stieden il-Banda Vilhena tal-Floriana biex iddoqq għall-okkażjoni. Jista' jkun li Dun Pawl għamel dan minħabba li l-istess devozzjoni kienet twieldet fil-Parroċċa tagħna. Hija ħolqa oħra li tgħaqqad lill-Floriana mall-Knisja Parrokkjali Madonna tas-Sacro Cuor. Il-Banda tagħna kienet reġgħet giet mistiedna fl-1910 meta xi żgħażagħ kienu għamlu l-famuża dimostrazzjoni bil-vara avolja ma kellhomx il-permessi meħtieġa[27].

Nafu wkoll li fl-1912 il-Banda Vilhena kienet ukoll għal darba oħra mistiedna għall-festa ta' dik is-sena. Iżda konnessjoni oħra mall-Floriana naraha meta l-Isqof Dom Mauro Caruana OSB, li kien Furjaniż, qata' x-xewqa ta' tant Slimiżi meta ddikjara l-knisja tal-Madonna tas-Sacro Cuor bħala Parroċċa awtonoma. Furjaniż ieħor li ħadem kemm felaħ b'risq il-knisja tagħha kien P. Beneditt Vella OFM. Kien diversi drabi Gwardjan (Superjur) u Rettur tal-knisja sa mill-1888. Bil-ħidma tiegħu setgħu jinbnew sitt kappelli tal-ġnub kollha bl-artali tal-irħam tagħhom. Kien devot kbir tal-Madonna tas-Sacro Cuor u kellu l-konsolazzjoni li jara l-knisja ssir Parroċċa għax miet fl-1923[28]. Furjaniż ieħor li ħadem ħafna fil-knisja tal-Madonna tas-Sacro Cuor f'Tas-Sliema kien P. Franġisk Dingli OFM. Dam Kappillan għal ħdax-il sena mill-1947 sal-1958[29]. Kien maħbub ħafna għax ħa diversi inizjattivi li ġab il-knisja l-quddiem wara l-ħerba li sofriet fl-aħħar gwerra. Nara konnessjoni oħra mall-knisja ta'Tas-Sliema meta n-negozjant Pietro Paolo Galea kien offra statwa tal-Madonna ta' Lourdes lill-knisja arċipretali tagħna biex tkun meqjuma fil-Kwindiċina li kienet ġiet organizzata mis-Soċjetà 'Promotrice Cattolica Maltese' f'Mejju 1874 u li ukoll kienet il-bidu tad-devozzjoni lejn il-Madonna tal-Pirinej f'Malta. Fi tmiem il-Kwindiċina in-Negt. Pietro Paolo Galea kien irregala din l-istatwa lill-knisja Publjana[30] u kienet baqgħet hemm sakemm inqerdet fil-gwerra. Huwa nteressanti li dan n-Negt. Pietro Paolo Galea, flimkien ma' ibnu, il-magħruf filantropu is-Sur Alfons Maria Galea, kienu fil-kumitat ta' Dun Pawl Vella li bena l-knisja ta' Tas-Sliema. Huwa kien il-President ta' dan il-Kumitat u għalhekk inħatar l-ewwel President tal-Konfraternta' tal-Madonna tas-Sacro Cuor f'Tas-Sliema[31].

## Fuq Nota Personali

Xtaqt nagħlaq din il-kitba fuq nota personali. Ħafna jiftakru lill-missieri Reggie, li kien arċi-Furjaniz, u ommi Marcelle imwielda Bencini li għalkemm trabbiet Tas-Sliema kienet dejjem izzomm mat-tim tal-futbol tal-Floriana. Waqt li qed nikteb dan l-artiklu ftakart li anki jien għandi konnessjoni mall-knisja parrokkjali Madonna tas-Sacro Cuor, għax billi ommi kient tgħix fil-Parroċċa, missieri kellu jiżżewweġ fil-knisja tagħha nhar it-28 ta' Awwissu 1951 mill-Kappillan P. Frangisk Dingli OFM (li kif għidna nzerta Furjaniż ieħor) u ċċelebra l-Quddiesa P. Karm Frendo OFM[32].

Din il-konnessjoni li semmejt xprunatni biex nagħmel din ir-riċerka li telenka r-rabtiet bejn il-Floriana, il-Furjanizi u s-Sinjura Tagħna tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù u Tas-Sliema. Dawn ir-rabtiet kienu kważi ntesew għal kollox. Nittama li dan l-istudju jservi biex dawn ikunu rxuxtati u ma jintesew qatt aktar.

**Dan l-artiklu deher fir-rivista "Il-Furjana" ta' Jannar - Marzu 2009**

## Noti u Riferenzi


1. Mill-gazzetti tal-epoka fejn ħadt xi tagħrif u li kienu bit-Taljan insibu nomenklaturi differenti għal din il-Konfraternità fosthom 'Congregazioni di N. Sigora del S. Cuore' u ' Pia Associazione di N. Signora del Sacro Cuore di Ġesù.
2. Fede ed Azione : periodico bisettimanale delle Societa' Promotrice Cattolica Maltese, is-Sibt 27 ta' Frar 1875, Anno III, Nro 230, p. 66
3. Ibid, l-Erbgħa 26 Awwissu 1874, Anno II, Nro 177, p.268
4. Ibid, l-Erbgħa 11 ta' Novembru 1874, Anno II, Nro 199, p. 365
5. Ibidem.
6. Gużepp Vella : Il-Konfraternità "Sinjura Tagħna tal-Qalb ta' Ġesù fil-Madonna u Tas-Sliema, 1993, p. 85
7. Fede ed Azione opus cit., l-Erbgħa 11 ta' Novembru 1874, Anno II, Nro 199, p. 366
8. Ibidem , l-Erbgħa 26 ta' Awwissu 1874, Anno II, Nro 177, p. 268
9. Ibid, l-Erbgħa 11 ta' Novembru 1874, Anno II, Nro199,p. 355
10. Fil-fatt din il-Kwindiċina ġiet ispiirata mill-ħtieġa tat-talb għall-Papa Piju IX li kien meqjus bħala 'il-priġunier tal-Vatikan' għalkemm fil-verità kien huwa stess li prattikament għalaq lilu nnifsu fil-Vatikan peress li kien ir-rifjuta li jirrikonoxxi u jkollu kuntatti mar-renju ġdid tal-Italja
11. Fede ed Azione opus cit. is-Sibt 5 ta' Settembru 1874, Anno II, Nro 180, p. 279
12. Ibid, l-Erbgħa 11 ta' Novembru 1874, Anno II, Nro 199, pp. 355-357
13. Ibid, l-Erbgħa 30 ta' Settembru 1874, Anno II, Nro 187, p. 308
14. Rob. Mifsud Bonniċi : Mużiċisti u kompożituri Maltin, Maestri di Cappella tal-Kattidral, A.B.C., 1950, p. 22
15. The Malta Government Gazzette, No. 2568, it-Tnejn 18 ta' Awwissu, 1873, p. 238
16. Rob. Mifsud Bonniċi : Mużiċisti u kompożituri Maltin, Maestri di Cappella tal-Kattidral, A.B.C., 1950, p. 32
17. Fede ed Azione opus cit., l-Erbgħa 11 ta' Novembru 1874, Anno II, Nro 199, p. 357
18. M. Busietta : Il-Knisja u l-Parroċċa ta' Stella Maris Tas-Sliema, p. 101
19. L-aktar interpretazzjoni ta' dan l-innu li smajt u għoġbitni kienet dik interpretatà mill-kantant popolari Enzo Guzman.
20. Marian Devotions in the Islanda of St Paul, Historical Society 1983, p.110
21. Fede ed Azione opus cit., l-Erbgħa, 11 ta' Novembru 1874, Anno II, Nro199, p. 355
22. Fede ed Azione opus cit., is-Sibt, 20 ta' Marżu 1875, Anno III, Nro 236, p. 90
23. Fede ed Azione opus cit., is-Sibt, 27 ta' Frar 1875, Anno III , Nro 230, p. 66
24. Camillo Aquilina : Id-Devozzjoni lejn il-Madonna tas-Sacro Cuor, 1974, p.46
25. Freddie Tonna jirraporta dwar ħidmet il-Grupp ħidma San Publju bejn Frar 2002-2003 – Programm - Festa, 4 ta' Mejju, 2003, Nru 18, p. 39
26. Ġużepp Vella opus cit. 1993, p. 3
27. Id ibid p. 60
28. Id Ibid p. 236
29. Id Ibid p. 237
30. Fede ed Azione opus cit., Is-Sibt 23 ta' Mejju 1874, Anno II, Nro 150, p. 151
31. Ġużepp Vella opus cit. 1993, p. 28
32. The Sunday Times of Malta, il-Ħadd 2 ta' Settembru 1951 p. 13



Radju Sacro Cuor Sliema 94 fm

Ixandar bejn is-17 ta' Ġunju u it-8 ta' Lulju

www.sliemabandsacrocuor.com